KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA
Città Umilissima

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 05

Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Raymond Azzopardi, Raymond Attard u Vincent Fabri. Il-Kunsillier Vincent Farrugia ma setax jattendi għall-laqgħa.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 4 li saret nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2013, fil-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku nforma li saret laqgħa ma' l-Appogg dwar is-Summer School ta' din is-sena. Intagħalbet informazzjoni dwar it-tfal li ser jattendu s-Summer School.

1.2 Il-Kunsill Vincent Fabri inform lill-Kunsill dwar updates ta' l-attivita' Knights in the City. Il-Kunsillier Raymond Attard li qed jieħu ħsieb l-attivitajiet li qed isiru quddiem il-qorti nforma dwar l- entertainment li qed isir fi Pjazza l-Assedju. Nforma li qed jieħu ħsieb ukoll li jkun hemm stand tat-toys li qed tintrama kif ukoll stand ibigħ ikel malti. Kien hemm qbil ukoll li l-entertainment tat-tfal ghandu jsir ma l-attivitajiet fiz-zoni residenzjali. Is-Segretarja nfurmat li kull min jarma xi tip ta' stand għand jagħmel permess mal-Kunsill sal-Ġimgħa ma Tony Galea, il-persuna nkarigata mill-permessi. Permessi qed jinħarġu ukoll għall-restaurants u bars li jixtiequ joħorgu mwejjed u siggijiet għal Knights in the City.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Ministru Chris Cardona. F'din il-Laqgħa tkellmu dwar il-monti li ser jiġi trasferit fħ Ordinance Street. Is-Sindku tkellem dwar il-problema li ser tinħoloq lir-residenti ta' l-akwata minħabba l-vanijiet tal-Monti.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li qed isir abbuz min disabled parking ta' impjegat għand La Ferla Insurance.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li jixtieq lista tal-permessi temporanji li qed jinħargu lil non-Valletta residents. Is-Segretarja spjegat li peress li l-bord ta CVA għadu ma giex appuntat qed ikollhom jinħargu dawn il-permessi.

3.3 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li tkellem ma Arist Cordina (99898971) dwar *Underwater Clean Up* f' Marsamxett Lido. Il-Kunsill qabel li għandha issir laqgħa biex tingħata aktar informazzjoni biex l-amministrazzjoni tal-Kunsill tkun tista tibda taħdem fuq din l-attivita'.

3.4 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li qed isir abbuz mill-Propretarji ta' Café Micallef. Dan għaliex qed isir parking fuq bays tar-residenti. Il-Viċi Sindku xtaq li jibqa newtrali f'dan il-kas. Il-Kunsill qabel li għandu jsir enforcement biex dan l-abbuz jinqata'.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Sur Francis Curmi (21225140/79865867) f''isem il-British Legeon biex issir Tombla fi Pjazza Mattia Preti. Il-Kunsill qabel li wara li gab firem min residenti fl-akwata it-tombla għandha issir biss nhar ta' Erbgħa. Dan għandu jingħata kundizzjoni li jekk ikun hemm ilmenti mir-residenti dan jitwaqqaf immedjatament, il-permess irid isir sal- 23.00hrs, it-tindif tal-Pjazza irid jieħu ħsieb l-organizzatur, dan għandu jingħata cavetta tal-kamra tad-dawl biex ikun jista jissellef dawl għal attivita'. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Valletta FC Youth Nursery biex isir xi xogħolijiet. Il-Viċi Sindku nforma li hu kien għamel site visit biex jara x'hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur tal-Kunsill għandu jaqta' l-ħaxix li hemm. Fuq xogħolijiet oħra wieħed irid jagħti ftit ċans peress li saru ħafna xogħolijiet fil-bidu tas-sena. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3 Is-Segretarja nfurma li ntbgħatet ittra lill-ħwienet dwar il-ħrug ta' l-iskart fiċ-ċentru. Dan għaliex il-ħwienet qed joħorgu l-iskart f'ħinijiet mhux aċċettabli. Il-Kunsill qabel li għandha titieħed azzjoni kontra ħwienet li qed joħorġu żibel ħafna qabel il-ħin stipulat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Chris D'Agostino dwar disabled parking għat-tifel tiegħu fi Triq Sant' Ursola (Wara Times) Minħabba n-natura tad-disabilita' tat-tifel tiegħu l-Kunsill qabel li dan għandu jsir mill-aktar fis possibli biex din il-familja ma tibqax tbati. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 5. Amministrazzjoni

5.1 Saret talba biex issir Traffic Calmer fi Triq San Pawl, qabel Triq Santa Lucija. Kif ukoll Traffic Calmer oħra Triq San Nikola qabel Triq San Ġużepp.

5.2 Saret talba biex issir Mera Triq Zekka ma Triq it-Teatru, kif ukoll Triq San Pawl ma Triq L-Arċisqof.

5.3 Is-Segretarja preżentat bill of quanties fuq talba tal-Minority Leader Dr Norman Shaw biex isir re-surfacing tal-banjijiet ta'Marsamxett. Peress li l-kunsill għandu tender ma Rite Décor intalbet quotation min għandhom

skond ir-regoli amministrattivi. Il-Minority Leader meta ra l-quotation u informa li l-prezz kien tant għoli li kien ridikolu, għal daqstant issuggerixxa lit-Town Centre Manager biex igib quotation oħra min għand GP Borg Ltd biex jitqabblu l-prezzijiet. Irriżulta li meta tqabblu l-quotations il-prezzijiet xorta kienu għoljin. Dr Norman Shaw issuggerixxa biex dan isir mill-ħaddiema tal-Kunsill, u jsir biss cosmetic upgrading.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 1 ta' Lulju 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku